MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 853/2012

**Justin Gilbert Farrugia u martu Eva Farrugia**

**-vs-**

**Ir-Reġistratur taż-Żwieġ u Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-27 ta' Awissu 2012 fejn ġie premess:

1. Illi l-esponenti żżewġu fil-21 ta' Lulju 2012 fil-knisja tas-Santwarju, Mellieħa (ara ċertifikat taż-żwieġ Dok A);

2. Illi oriġinarjament l-esponenti kellhom jiżżewġu fil-knisja parrokkjali iżda minħabba inkonvenjent dakinhar,

bil-qbil mal-kappillan huma żżewġu fis-Santwarju, Mellieħa. Illi ż-żwieġ sar fl-istess parroċċa, u ċjoe' tal-Mellieħa.

3. Illi għalhekk ir-Reġistratur taż-Żwieġ informa lill-esponenti li qabel ma jiġi reġistrat iż-żwieġ huma kellhom jippreżentaw din il-kawża biex din l-Onorabbli Qorti tordna r-reġistrazzjoni taż-żwieġ u tordna l-korrezzjoni.

4. Illi l-esponenti jafu dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

(i) Tordna li jiġi reġistrat iż-żwieġ;

(ii) Tordna l-korrezzjoni tad-dokumenti uffiċjali kull fejn neċessarju.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fl-1 ta' Ottubru 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

2. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kienu l-atturi stess, Justin Gilbert Farrugia u Eva Farrugia nee' Ciganova, li kienu għamlu talba għat-tnidijiet fit-12 ta' Ġunju 2012 fejn iddikjaraw li ħa jiżżewġu fil-Knisja tal-Mellieħa fil-21 ta' Lulju 2012 (hawn anness u mmarkat bħala Dok. JGF1). Id-dokumenti relattivi ġew irtirati mill-atturi fil-11 ta' Lulju biex jinagħtaw lill-kappillan tal-Mellieħa *stante* illi l-att taż-żwieġ li ġie ffirmat fil-Knisja ġie

emendat manwalment biex jirrifletti l-bdil fil-post taż-żwieġ (hawn anness u mmarkat bħala Dok. JGF2). L-għarajjes ikunu nfurmati li meta jkun hemm xi bdil dawn għandhom jinfurmaw ir-reġistratur immedjatament;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2013 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi kif indikati fir-rikors qed jagħmlu din it-talba biex jiġi msewwi ċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom peress li huma biddlu l-lok fejn kellu jsir iż-żwieġ minħabba mprevist.

Illi l-konvenuti mhux qed jopponu għat-talba ħlief għall-kundanna dwar l-ispejjeż tal-kawża u dwar dan għandhom raġun għaliex l-iżball ma kienx attribwibbli għalihom.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi fir-rigward tal-att imsemmi fit-talbiet kontenuti fir-rikors promotorju.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------